



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11447/22

LIMITE

CORLX 691
CFSP/PESC 1007
COEST 581
FIN 828

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi
fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali,
is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/145/PESK¹.
- (2) L-Unjoni tibqa' soda fl-appoġġ tagħha għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukraina.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li 48 persuna u 9 entitajiet responsabbli għal azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (4) Barra minn hekk, huwa xieraq li tiġi introdotta deroga ulterjuri mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni u entitajiet deżinjati sabiex avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent jiġi evitat jew mitigat b'mod urġenti.
- (5) Fid-dawl tal-pożizzjoni determinata tal-Unjoni li tevita u tiġġieled l-insigurtà tal-ikel madwar id-dinja, u sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kanali ta' pagament għal prodotti agrikoli, huwa wkoll xieraq li tiġi introdotta deroga mill-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-banek deżinjati.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16).

- (6) Huwa wkoll xieraq li tiġi introdotta deroga mill-iffriżar ta' assi u mill-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għall-istralċ ordnat ta' operazzjonijiet, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, ma' bank wieħed deżinjat.
- (7) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/145/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/145/PESK hija emendata:

(1) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 10, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għall-bejgħ u t-trasferiment sal-31 ta' Diċembru 2022 jew fi żmien 6 xhur mid-data tad-deżinjazzjoni fl-Anness, skont liema tkun l-aktar reċenti, ta' drittijiet ta' proprjetà f'persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni fejn daww id-drittijiet ta' proprjetà huma s-sjieda diretta jew indiretta ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u";

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"14. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffrizzati li jappartjenu lill-entità elenkata taħt in-numru tal-entrata 108 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dik l-entità, skont daww il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għat-terminazzjoni sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 13-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja], ta' operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dik l-entità qabel [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni emendatorja].

15. "4. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lill-entità elenkata taħt l-entrata numru 108 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għat-tlestija, sal-31 ta' Ottubru 2022, ta' bejgħ u trasferiment li jkun għaddej ta' drittijiet proprjetarji li jkunu direttament jew indirettament proprjetà ta' dik l-entità lil persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni.
16. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti riżorsi ekonomiċi ffriżati, wara li jkunu ddeterminaw li:
- (a) ir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jkun neċessarju għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent; u
 - (b) ir-rikavati li jirriżultaw mir-rilaxx ta' tali riżorsi ekonomiċi jiġu ffriżati.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li jagħti skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

17. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt in-numri tal-entrata 53, 54, 55, 79, 80, 81, 82 u 108 taħt l-intestatura "Entitajiet" fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, skont dawk il-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu bħala xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma neċessarji għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasportazzjoni ta' prodotti agrikoli u alimentari, fosthom il-qamħ u l-fertilizzanti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont dan il-paragrafu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni."

(2) Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jinżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin jiżdienu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2014/145/PESK:

Persuni

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"1182.	Adam Sultanovich DELIMKHANOV (Адам Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 25.9.1969 Post tat-twelid: Benoy, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Membru tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mid-19 ta' Settembru 2021, l-Ewwel Viċi President tal-Kumitat għas-Sigurtà u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni. Responsabbli għall-istabbiliment tal-forzi Ċeċeni fir-reġjun ta' Donbas minn Marzu 2022 u għat-tmexxija tal-assedju fil-belt ta' Mariupol f'Marzu 2022. Kien involut personalment fit-tnejn tal-attakki mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Għal dawn l-azzjonijiet, fis-26 ta' April 2022, ġie nnominat Eroj tal-Federazzjoni Russa permezz ta' digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1183.	Sharip Sultanovich DELIMKHANOV (Шарип Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 23.4.1980 Post tat-twelid: Dzhalka, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Kmandant tal-fergħa Ċeċena tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Responsabbli għall-kmand tal-forzi Ċeċeni matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, inkluż fir-reġjuni ta' Kyiv u Donbass. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina..	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1184.	Alibek Sultanovich DELIMKHANOV (Алибек Султанович ДЕЛИМХАНОВ)	Data tat-twelid: 16.10.1974 Post tat-twelid: Dzhalka, Russian Federation Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Kmandant tal-fergħa Ċeċena tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa. Responsabbli għall-kmand tal-forzi Ċeċeni matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina, inkluż fir-reġjuni ta' Kyiv u Donbass. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina..	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1185.	Viktor Nikolayevich STRIGUNOV (Виктор Николаевич СТРИГУНОВ)	Data tat-twelid: 27.10.1958 Post tat-twelid: Dubovoye, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-ewwel Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar-Rosgvardia. Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1186.	<p>Oleg Anatolyevich PLOKHOI (Олег Анатольевич ПЛОХОЙ)</p>	<p>Data tat-twelid: 4.12.1968 Post tat-twelid: Kyiv, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel</p>	<p>Segretarju tal-Istat, Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar-Rosgvardia.</p> <p>Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1187.	Yuri Viktorovich YASHIN (Юрий Викторович ЯШИН)	Data tat-twelid: 11.3.1967 Post tat-twelid: Mednogorsk, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Kap tal-Persunal Ġenerali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa – Viċi Direttur tas-Servizz Federali tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa – Kap Kmandant tat-Truppi tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Unitajiet tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) intbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1188.	Igor Anatolyevich ILYASH (Игорь Анатольевич ИЛЪЯШ)	Data tat-twelid: 5.10.1967 Post tat-twelid: Odessa, Ukraine Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia . Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1189.	<p>Sergei Anatolyevich LEBEDEV (Сергей Анатольевич ЛЕБЕДЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 10.1.1966</p> <p>Post tat-twelid: Astrakhan, Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tal-Gwardja Nazzjonali tar- Rosgvardia.</p> <p>Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1190.	<p>Alexey Mikhailovich KUZMENKOV</p> <p>(Алексей Михайлович КУЗЬМЕНКОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 10.6.1971</p> <p>Post tat-twelid: Horlivka, Ukraine</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia.</p> <p>Unitajiet tar-Rosgvardia ntbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1191.	Alexey Stepanovich BEZZUBIKOV (Алексей Степанович БЕЗЗУБИКОВ)	Data tat-twelid: 5.7.1965 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Viċi Direttur tas-Servizz Federali tal-Gwardja Nazzjonali tal-Federazzjoni Russa (Rosgvardia) – Kap Kmandant tar- Rosgvardia. Unitajiet tal-Gwardja Nazzjonali Russa (Rosgvardia) intbagħtu fiż-żoni taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Russi, bħal Kherson, Henichesk, Berdyansk u ċerti żoni ta' Mariupol, sabiex irażżnu l-protesti mill-popolazzjoni lokali. Huma ħadu sehem ukoll fil-qtil, l-istupri u t-tortura ta' persuni ċivili f'Bucha, l-Ukraina. Membri ta' Rosgvardia arrestaw ċittadini pro-Ukreni u stabbilew amministrazzjoni tal-pulizija militari. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1192.	<p>Yevgeniy Vitalievich BALYTSKIY</p> <p>(Russu: Евгений Витальевич БАЛИЦКИЙ)</p> <p>(magħruf ukoll bħala Yevhen Vitaliiiovych BALYTSKIY)</p> <p>(Ukren: Євген Віталійович БАЛИЦЬКИЙ)</p>	<p>Data tat-twelid: 10.12.1969</p> <p>Post tat-twelid: Melitopol, Ukraine</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Yevgeniy Balytskiy kkoopera mal-awtoritajiet Russi fil-belt Ukrena ta' Melitopol. Appoġġa l-ħatra ta' Galina Danilchenko bħala s-sindku ta' Melitopol, wara l-ħtif tas-sindku leġittimu.</p> <p>Fid-9 ta' April 2022, l-awtoritajiet Russi nnomina lil Yevgeniy Balytskiy bħala l-hekk imsejjaħ Gvernatur tar-reġjun ta' Zaporizhzhia tal-Ukraina. Huwa tkellem favur li r-reġjun ta' Zaporizhzhia jingħaqad mal-Federazzjoni Russa.</p> <p>F'din il-kapaċità, u permezz tal-azzjonijiet tiegħu, huwa għalhekk responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina..</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1193.	Konstantin Vladimirovich IVASHCHENKO (Russu: Константин Владимирович ИВАЩЕНКО; Ukren: Костянтин Володимирович ІВАЩЕНКО)	Data tat-twelid: 3.10.1963 Post tat-twelid: Mariupol, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	Wara l-qbid tal-belt ta' Mariupol mill-forzi armati Russi, l-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" Denis Pushilin ħatar lil Konstantin Ivashchenko sindku ta' Mariupol fis-6 ta' April 2022. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	
1194.	Aleksandr Yurievych KOBETS (Russu: Александр Юрьевич КОБЕЦ) Oleksandr Yuriyovych KOBETS Ukren: Олександр Юрійович КОБЕЦЬ)	Data tat-twelid: 27.9.1959 Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ sindku tal-belt ta' Kherson mis-26 ta' April 2022, kif stabbilit mill-awtoritajiet Russi. F'din il-kapaċità, huwa għalhekk ta appoġġ u ppromwova politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1195.	<p>Vladimir Valeryevich ROGOV</p> <p>(Russu: Владимир Валерьевич РОГОВ)</p> <p>Volodimir Valeryovich ROGOV</p> <p>(Ukren: Володимир Валерійович РОГОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 1.12.1976</p> <p>Post tat-twelid: Zaporozhzhia, Ukraine</p> <p>Nazzjonalità: Ukrena</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>L-hekk imsejjaħ rappreżentant tal-kunsill ewlieni tal-amministrazzjoni militari-ċivili tar-reġjun ta' Zaporozhzhia. Huwa għamel promozzjoni kontra l-awtoritajiet Ukreni u favur li r-reġjun ta' Zaporozhzhia jsir parti mill-Federazzjoni Russa. Huwa ffaċilita wkoll il-ħruġ ta' passaporti Russi fil-belt ta' Melitopol.</p> <p>F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1196.	Alexander Fedorovich SAULENKO (Russu: Александр Федорович САУЛЕНКО) Oleksandr Fedorovich SAULENKO (Ukren: Олександр Федорович САУЛЕНКО)	Data tat-twelid: 9.5.1962 Post tat-twelid: Novopetrivka, Ukraine Nazzjonalità: Ukrena Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ kap tal-amministrazzjoni proviżorja ta' Berdyansk u r-reġjun ta' Berdyansk. Huwa rrakkomanda li l-kontroll u l-amministrazzjoni tar-reġjun ta' Berdyansk jinbidlu mill-Ukraina għall-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	
1197.	Andrei Vladimirovich SHEVCHIK (Russu: Андрей Владимирович ШЕВЧИК)	Data tat-twelid: 17.6.1973 Post tat-twelid: Zheleznogorsk (previously Krasnoyarsk-26), Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	L-hekk imsejjaħ sindku ta' Enerhodar. Organizza l-ħolqien ta' "kunsill ta' awtorganizzazzjoni tal-belt" ta' Enerhodar fis-27 ta' Marzu 2022, li ma kienx appoġġat mill-awtoritajiet Ukreni. F'din il-kapaċità, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1198.	Oleg KRYUCHKOV (Олег КРЮЧКОВ)	Sess: raġel	<p>Oleg Kryuchkov huwa l-kelliem għall-awtorità tal-okkupazzjoni Russa fil-Krimea u konsulent għall-Kap tal-Krimea. Fid-dikjarazzjonijiet pubbliċi tiegħu, huwa kkonferma s-serq ta' qamħ mill-istat Ukren u minn bdiewa Ukreni fit-territorji okkupati mir-Russja, ikkonferma r-russifikazzjoni tal-iskejjel Ukreni fit-territorji okkupati, u ddikjara li r-Russja qed tippjana l-annessjoni tat-territorji okkupati fin-Nofsinhar tal-Ukraina.</p> <p>Għalhekk, huwa responsabbli għal u appoġġa azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, u l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1199.	Sergei Borissovich KOROLEV (Сергей Борисович КОРОЛЕВ)	Data tat-twelid: 9.11.1952 jew 25.7.1952 Sess: raġel	<p>Sergei Borissovich Korolev huwa l-Ewwel Viċi Direttur ta' Russian FSB, minn Frar 2021. Huwa rrapportat li huwa assoċjat mill-qrib mad-Direttur tal-FSB Alexander Bortnikov, u man-negozjanti Arkadii u Boris Rotenberg. Huwa indikat bħala sostitut potenzjali għal Bortnikov fil-pożizzjoni ta' Kap tal-FSB. Huwa uffiċjal tal-karriera fl-FSB, li ilu jaqdi dmiru hemmhekk mis-snin 2000 u qabel serva bħala d-direttur tas-Servizz tas-Sigurtà Ekonomika tal-FSB. Fl-2021, Vladimir Putin ppremjah bil-grad ta' Ġeneral tal-Armata, li huwa premju distintiv ta' grad għoli. Għalhekk, huwa jappoġġa u ji bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina.</p> <p>L-FSB huwa wieħed mis-servizzi ta' intelligence li pprovdew informazzjoni ta' intelligence lil Vladimir Putin qabel il-bidu tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina fl-24 ta' Frar 2022. Sergei Borissovich Korolev huwa għalhekk responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1200.	Stanislav Sergejevich CHEMEZOV (Станислав Сергеевич ЧЕМЕЗОВ)	Data tat-twelid: 1973 Post tat-twelid: Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Stanislav Sergejevich Chemezov huwa bin Sergei Chemezov, membru tal-Kunsill Suprem tar-"Russja Magħquda" u president tal-konglomerat Rostec, il-korporazzjoni ewlenija Russa tad-difiża u tal-manifattura industrijali li hija kkontrollata mill-istat. Stanislav Chemezov kien il-proprjetarju ta' kumpannija Offshore imsejħa Erlinglow Ltd li kienet qed tibbenefika mill-kostruzzjoni ta' superawtostrada tal-fibra ottika nazzjonali ta' \$550 miljun minn Rostec. Barra minn hekk, huwa l-ko-proprjetarju ta' diversi kumpanniji offshore ma' Maya Bolotova, bint Nikolay Tokarev, inkluż Irvin-2, li rċeviet kuntratti b'valur ta' 8 biljun Rubel. Bħala premju għall-iskambju, il-familja Tokarev ppermettiet lill-familja Chemezov tnaqqas il-baġit ta' Transneft. Stanislav Chemezov huwa wkoll proprjetarju tal-kumpannija Independent Insurance Group, li tamministra kuntratti tal-assigurazzjoni kbar fis-settur tad-difiża inkluż kuntratti għall-konglomerat tad-Difiża Rostec, li fih is-CEO tiegħu huwa missieru, Sergei Chemezov. Għalhekk, Stanislav Chemezov huwa persuna fiżika assoċjata ma' persuna elenkata.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1201.	Maiya Nikolaevna BOLOTOVA (mwiela TOKAREVA) magħrufa wkoll bħala Maiya/Mayya/Maija/Maja Nikolaevna BOLOTOVA (Майя Николаевна БОЛОТОВА (ТОКАРЕВА)	Data tat-twelid: 18.1.1975 Post tat-twelid: Karaganda, Kazakhstan Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Maya Bolotova (imwiela Tokareva) hija bint Nikolay Tokarev, is-CEO ta' Transneft, kumpannija ewlenija Russa taż-żejt u l-gass. Maya Bolotova u l-eks raġel tagħha Andrei Bolotov għandhom proprjetà immobbli lussuża f'Moska, il-Latvja u l-Kroazja b'valur ta' aktar minn \$50 miljun, li jistgħu jkunu marbuta ma' Nikolay Tokarev. Għandha wkoll rabtiet mal-kumpannija Ronin, li tamministra l-fond tal-pensjoni għal Transneft. Meta applikat għaċ-ċittadinanza Ċiprijotta, hija elenkat l-indirizz ta' Ronin bħala tagħha stess. Barra minn hekk, Maya rċeviet kuntratti tal-istat b'valur ta' 8 biljun Rubel permezz tal-kumpannija Irvin-2, li hija s-sid tagħha ma' Stanislav Chemezov, iben is-CEO ta' Rostec, Sergei Chemezov. Għalhekk Maya Bolotova hija persuna fiżika assoċjata ma' persuni elenkati, jiġifieri missierha Nikolay Tokarev u Stanislav Chemezov.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elencar
1202.	Pavel EZOUBOV (Павел ЭЗОУБОВ)	Data tat-twelid: Awwissu 1975 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Pavel Ezoubov huwa l-kuġin ta' Oleg Deripaska, is-sid tal-konglomerat industrijali Russian Machines li jinkludi l-Military Industrial Company, fornitur ewlieni tal-armi u tat-tagħmir militari lill-forzi armati Russi. Oleg Deripaska ttrasferixxa assi kbar lill-kuġinuh Pavel Ezoubov, inkluż diversi proprjetajiet fi Franza, permezz ta' kumpannija azzjonarja proprjetà ta' Ezoubov, lukanda f'Lech, l-Awstrija, permezz tal-kumpanija azzjonarja ta' bażi Russa Gost Hotel Management LLC proprjetà ta' Ezoubov u l-kontroll tal-kumpanija Terra Limited. Ezoubov ikompli jikkontrolla lil Hestia International LLC, il-kumpanija li għandha dar kbira f'Washington DC konnessa ma' Oleg Deripaska. Għaldaqstant, Pavel Ezoubov huwa persuna fiżika assoċjata ma' persuna elenkata, responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1203.	<p>Alexander Sergeyevich ZALDOSTANOV</p> <p>(Александр Сергеевич ЗАЛДОСТАНОВ)</p> <p>magħruf ukoll bħala "Il-Kirurgu" (Хирург)</p>	<p>Data tat-twelid: 19.1.1963</p> <p>Post tat-twelid: Kropyvnytskyi, Crimea, Ukraine</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Alexander Zaldostanov huwa l-mexxej u l-fundatur tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Nightwolves MC. Minħabba l-pożizzjoni tiegħu bħala mexxej ta' Nightwolves MC, Alexander Zaldostanov, li għandu rabtiet mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin, huwa figura pubblika magħrufa u sostenitur ewlieni tal-gvern Russu, li jappoġġa b'mod attiv il-propaganda tal-istat Russu billi jiċħad pubblikament id-dritt tal-Ukraina għall-istatus ta' stat u jappella għad-"denazifikazzjoni" kif ukoll id-"de-Ukrajnizzazzjoni" tal-pajjiż, filwaqt li jippromwovi l-idea li l-Ukraina għandha tkun parti integrali mir-Russja. Bħala mexxej tan-Nightwolves MC, Zaldostanov huwa responsabbli wkoll għall-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-grupp li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina. Alexander Zaldostanov huwa l-mexxej ta' Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina, u appoġġa u implimenta dawn l-azzjonijiet jew politiki.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1204.	Andrey BOBROVSKIY (Андрей БОБРОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 5.1.1982 Post tat-twelid: Minsk, Belarus Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Bobrowskiy huwa membru tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Nightwolves MC u mexxej tal-fergħa "Roads for Victory" ta' Nightwolves MC. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala mexxej tal-fergħa "Roads for Victory" Bobrowskiy organizza diversi manifestazzjonijiet tan-Nightwolves f'Berlin, il-Polonja u r-Russja. Mindu l-attakk Russu kontra l-Ukraina fi Frar 2022, l-għan tal-manifestazzjonijiet kien li jappoġġaw b'mod attiv il-gwerra Russa kontra l-Ukraina u li jiċċdu pubblikament id-dritt tal-Ukraina għall-istatus ta' stat u jitolbu għad-"denazifikazzjoni" tal-pajjiż u għall-promozzjoni tal-idea li l-Ukraina għandha tkun parti integrali mir-Russja. Bobrowskiy għalhekk appoġġa b'mod attiv u pubbliku l-propaganda tal-istat Russu. Andrey Bobrowskiy huwa membru ta' Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli għal azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina, u appoġġa u implimenta dawn l-azzjonijiet jew politiki.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1205.	Jozef HAMBÁLEK magħruf ukoll bħala Josef HAMBÁLEK (Йозеф ХАМБАЛЕК)	Data tat-twelid: 14.3.1972 Nazjonalità: Slovakka Sess: raġel	Jozef Hambálek huwa l-President tas-sezzjoni Ewropea tal-klabb tal-muturi nazzjonalista Nightwolves MC ibbażat fis-Slovakkja. Hambálek, li jista' jkun konness mal-President Russu, Vladimir Putin, u rappreżentanti oħra tal-gvern Russu, huwa magħruf pubblikament għall-bini tal-kwartieri ġenerali tas-sezzjoni ewropea tan-Nightwolves MC fuq eks bażi militari fis-Slovakkja li għaliha uża tagħmir militari mormi, inkluż tankijiet. L-attivitajiet kontinwi tiegħu, li allegatament jinkludu t-taħriġ tal-membri ta' Nightwolves għal għied attiv fl-Ukraina fuq il-proprjetajiet tiegħu u l-promozzjoni attiva tal-propaganda favur ir-Russa fl-Ewropa, jistgħu jitqiesu bħala theddida għas-sigurtà tal-Ukraina u tal-UE. Għalhekk, Jozef Hambálek huwa persuna fiżika li tappoġġa, materjalment jew finanzjarjament, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1206.	Alexei WEITZ magħruf ukoll bħala Alexei VAYTS magħruf ukoll bħala Aleksey Yevgenevich VEITZ (Алексей ВАЙЦ)	Data tat-twelid: 7.10.1965 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexei Weitz huwa membru u mexxej spiritwali tal-klabb tal-muturi nazzjonalista, in-Nightwolves MC, b'rabtiet personali mill-qrib mal-mexxej tan-Nightwolves MC Alexander Zaldostanov. Huwa responsabbli għar-rabta tan-Nightwolves MC mal-Knisja Ortodossa Russa u għat-tiswir tal-viżjoni dwar id-dinja tal-mexxejja tiegħu. Preċedentement huwa aġixxa bħala segretarju tal-istampa tan-Nightwolves MC u jwettaq kompiti rappreżentattivi, fost l-oħrajn billi ta taħdidiet lill-istudenti tal-Università u tkellem fil-manifestazzjonijiet tan-Nightwolves. Huwa wkoll espert tal-Kunsill għar-Relazzjonijiet Interetniċi taħt il-President tar-Russja, li appoġġa pubblikament il-gwerra Russa kontra l-Ukraina u l-ksur tad-dritt internazzjonali u huwa responsabbli għall-formulazzjoni ta' kunċett uffiċjali tan-"nazzjon Russu". Minħabba l-attivitajiet tiegħu għan-Nightwolves MC u l-Kunsill għar-Relazzjonijiet Interetniċi taħt il-President tar-Russja, Weitz huwa figura ewlenija tal-propaganda tal-istat Russu. Alexei Weitz huwa membru tan-Nightwolves MC, li huwa responsabbli li jappoġġa materjalment azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina. Għaldaqstant, huwa persuna fiżika responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina..	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1207.	<p>Andrey Removich BELOUSOV</p> <p>magħruf ukoll bħala Andrei Removich BELOUSOV</p> <p>(Андрей Рэмович БЕЛОУСОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 17.3.1959</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Andrey Removich Belousov huwa l-Ewwel Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa u huwa meqjus li kien membru tal-eqreb ċirku intern ta' Putin għal ħafna snin. Għandu rwol influwenti fil-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Belousov qed jimplimenta l-politika ekonomika tal-Gvern Russu u huwa responsabbli għat-tkabbir ekonomiku tar-Russja u għall-istabbilizzazzjoni tas-swieq Russi. Fil-25 ta' Frar 2022 attenda l-laqgħa fil-Kremlin u talab lill-oligarki miġburin biex ikomplu jaħdmu ma' banek sanzjonati. F'Marzu 2022, Belousov iddikjara li ser jiġi deċiż li l-kumpanniji barranija li waqqfu l-operazzjonijiet tagħhom u taw is-sensja lill-persunal fil-pajjiż wettqu falliment intenzjonat, att li jinvolvi responsabbiltà amministrattiva, u possibbilment, kriminali skont il-liġijiet Russi dwar l-insolvenza. Huwa appoġġa l-annessjoni tal-Krimea fl-2014.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1208.	<p>Yury Yakovlevich ЧАЙКА</p> <p>magħruf ukoll bħala Yury Yakovlevich CHAYKA; Yuri Yakovlevich CHAIKA</p> <p>(Юрий Яковлевич ЧАЙКА)</p>	<p>Data tat-twelid: 21.5.1951</p> <p>Post tat-twelid: Nikolaevsk-on-Amur, Khabarovsk Krai, Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Yury Yakovlevich Chaika huwa membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa u tar-Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tat-Tramuntana tal-Kawkasu. Huwa involut direttament fil-gwida u l-implimentazzjoni tal-politika barranija aggressiva tar-Russja.</p> <p>F'April 2022 Yuri Chaika ppreżenta premjijiet statali lil militari li ddistingwew ruħhom matul l-hekk imsejħa "operazzjoni speċjali għat-tneħħija tad-denazifikazzjoni tal-Ukraina". Fil-laqgħa mar-refuġjati mill-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk f'Pyatigorsk fis-17 ta' Marzu 2022, huwa ġġustifika l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukraina u ddikjara li l-awtoritajiet Ukreni wettqu ġenoċidju fl-Ukraina.</p> <p>Għal ħafna snin, Yuri Chaika kien wieħed mill-eqreb assoċjati ta' Vladimir Putin u impjegat obbidjenti tar-reġim fil-gvern. Yuri Chaika u l-familja tiegħu bbenefikaw personalment mill-assoċjazzjoni mill-qrib tagħhom mar-reġim ta' Putin.</p> <p>Għalhekk huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1209.	Alexander Anatolievich MAKSIMTSEV (Александр Анатольевич МАКСИМЦЕВ)	Data tat-twelid: 20.8.1963 Post tat-twelid: Tokmak, Kirghiz SSR, former USSR (now Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Maksimysev huwa mexxej militari Russu u Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali għall-ħidma militari-politika. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Peress li Alexander Maksimtsev huwa Viċi Kap Kmandant, huwa responsabbli għall-azzjonijiet ta' din l-unità. Għaldaqstant, Alexander Maksimysev huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza fl-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	
1210.	Maria Alexeyevna LVOVA-BELOVA (Мария Алексеевна ЛВОВА-БЕЛОВА)	Data tat-twelid: 25.10.1984 Post tat-twelid: Penza, former USSR (now Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: mara	Maria Alexeyevna Lvova-Belova hija Kummissarju Presidenzjali għad-drittijiet tat-tfal u bdiet is-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-għoti taċ-ċittadinanza lil tfal li sfaw orfni fl-Ukraina. Hija waħda mill-aktar persuni involuti fit-trasport illegali ta' tfal Ukreni lejn ir-Russja u l-adozzjoni tagħhom mill-familji Russi. L-azzjonijiet ta' Maria Alexeyevna Lvova-Belova jiksru d-drittijiet tat-tfal Ukreni u jiksru l-ordni amministrattiv u legali Ukren, għalhekk hija responsabbli li appoġġat u implimentat azzjonijiet u politiki li jdgħajfu s-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1211.	Yuri Nikolaevich GREKHOV (Юрий Николаевич ГРЕХОВ)	Data tat-twelid: 15.10.1962 Post tat-twelid: Gorky, former USSR (now Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Yuri Nikolaevich Grekhov huwa kmandant militari Russu, Kurunell Ġeneral, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Bħala Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi, huwa jikkmanda t-truppi tad-Difiża tal-Ajru u tal-Missili, u għalhekk huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	
1212.	Zabit Sabirovich KHEIRBEKOV (Забит Сабинович ХЕИРБЕКОВ)	Data tat-twelid: 5.6.1968 Post tat-twelid: Kusar region, Azerbaijan SSR, former USSR (now Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Zabit Kheirbekov huwa Logutenent Ġeneral tal-Forzi Ajruspazjali Russi, Viċi Kap Kmandant tal-Forzi Ajruspazjali Russi għal-Loġistika. Il-Forzi Ajruspazjali Russi wettqu attakki kemm fuq miri militari kif ukoll ċivili fl-Ukraina. Għaldaqstant, Zabit Kheirbekov huwa responsabbli li appoġġa u implimenta azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina u l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1213.	Andrey Anatolyevich KOZITSYN (Андрей Анатольевич КОЗИЦЫН)	Data tat-twelid: 9.6.1960 Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Anatolyevich Kozitsyn huwa negozjant Russu ewlieni. Huwa kofundatur u CEO tal-kumpannija Ural Mining Metallurgical Company (UMMC/UGMK), wieħed mill-aqwa produttori Russi ta' komoditajiet ewlenin (inkluż ir-ram, iż-żingu, il-faħam, id-deheb u l-fidda). Għaldaqstant, huwa negozjant Russu ewlieni involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.	
1214.	Sergey Semyonovich SOBYANIN (Сергей Семёнович СОБЯНИН)	Data tat-twelid: 21.6.1958 Post tat-twelid: Nyaksimvol, former USSR (now Russian Federation) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Sergei Semyonovich Sobyanine huwa s-sindku ta' Moska u għandu rabtiet mill-qrib ma' Vladimir Putin. Huwa kien kap tal-amministrazzjoni presidenzjali mill-2005 sal-2008 u serva bħala Viċi Prim Ministru tar-Russja mill-2008 sal-2010 fit-Tieni Kabinett ta' Vladimir Putin. Huwa membru tal-Kunsill tas-Sigurtà. Fl-1 ta' Marzu 2022, Sobyanine wissa li t-tentattivi u s-sejħiet kollha minn "provokaturi" biex jorganizzaw protesti fit-toroq f'Moska kienu ser jiġu pprevenuti. Fid-dimostrazzjoni politika tat-18 ta' Marzu 2022 "għal dinja mingħajr Naziżmu", huwa esprima b'mod espliċitu l-appoġġ għall-"operazzjoni militari speċjali" fl-Ukraina. Għaldaqstant, huwa qed jappoġġa jew jimplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1215.	<p>Aleksey Vladimirovich DENISENKO</p> <p>(Алексей Владимирович ДЕНИСЕНКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.6.1978</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Aleksey Vladimirovich Denisenko huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva reġjonali ta' Chelyabinsk, membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali, President tal-Kumitat tal-Assemblea Leġiżlattiva għall-Politika tal-Kostruzzjoni u d-Djar u s-Servizzi Komunali u Kap tad-Dipartiment għall-Interazzjoni mal-Assoċjazzjonijiet Pubbliċi u l-Ħidma maż-Żgħażaġħ tal-Fergħa Reġjonali ta' Chelyabinsk ta' "Russja Magħquda". Barra minn hekk, huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin "Russja Magħquda" u b'mod miftuħ jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) u r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) bħala stati indipendenti, kif ukoll l-operazzjoni militari speċjali, li fi kliemu hija operazzjoni ta' infurzar tal-paċi. Denisenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli li appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1216.	Alexander Nikolaevich BELSKIY (Александр Николаевич БЕЛЬСКИЙ)	Data tat-twelid: 16.7.1975 Post tat-twelid: Leningrad, former USSR, (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Belskiy huwa l-President tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' San Pietruburgu mid-29 ta' Settembru 2021 bħala membru tal-partit politiku allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda". L-Assemblea Leġiżlattiva hija l-ogħla u l-uniku korp leġiżlattiv ta' poter statali f'San Pietruburgu. L-Assemblea twaqqfet taħt il-liġi federali u hija rregolata minnha u taħdem mill-qrib mal-gvernatur ta' San Pietruburgu. Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva, is-Sur Belskiy huwa l-membri bl-ogħla kariga tal-Assemblea. B'risultat ta' dan, is-Sur Belskiy huwa politiku sinifikanti f'San Pietruburgu u lil hinn. Preċedement, Belskiy serva bħala viċi gvernatur ta' San Pietruburgu fil-perjodu 2020-2021. F'dik il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-politika taż-żgħażaġh. Is-Sur Belskiy jkompli jaħdem mat-tfal u jfittex li jindottrinizza lit-tfal b'fehmet favur ir-reġim.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Is-Sur Belskiy huwa attiv fl-użu tiegħu ta' għadd ta' kontijiet tal-media soċjali fuq is-servizzi Telegram u VKontakte u jippubblika artikli fil-media tal-partit "Russja Magħquda". Huwa ripetutament uża l-pjattaformi tal-media soċjali tiegħu biex jiġġustifika u jesprimi appoġġ għall-gwerra tar-Russja kontra l-Ukraina u feraħ lill-Krimea u Sevastopol għar-"riunifikazzjoni" tagħhom mar-Russja.</p> <p>Is-Sur Belskiy huwa responsabbli għall-inkitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1217.	<p>Alexander Valentinovich ISHCENKO</p> <p>(Александр Валентинович ИЩЕНКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 9.3.1970</p> <p>Post tat-twelid: Rostov-on-Don, former USSR (now Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Ishchenko huwa l-President tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Rostov u s-Segretarju tal-Ferġha Reġjonali ta' Rostov tal-partit "Russja Magħquda" allinjat mal-Kremlin (it-tnejn li huma mill-2016).</p> <p>Is-Sur Ishchenko huwa attiv ħafna fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, eż. il-Parlament taż-Żgħażaġħ ta' Rostov u l-organizzazzjoni reġjonali politika-militari taż-żgħażaġh "Gwardja taż-Żgħażaġħ". Bħala President tal-Assemblea Leġiżlattiva huwa persuna pubblika u ta' spiss jidher fuq it-televiżjoni u l-aħbarijiet lokali u nazzjonali u f'avvenimenti pubbliċi.</p> <p>F'intervisti pubbliċi u f'posts fuq il-media soċjali, is-Sur Ishchenko jappoġġa d-deċiżjoni tal-President Putin li jirrikonoxxi r-Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u r-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR) separatisti u jippromwovi l-messaġġi ta' propaganda tar-reġim.</p> <p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Ishchenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1218.	<p>Mikhail Vladimirovich STRUK (Михаил Владимирович СТРУК)</p>	<p>Data tat-twelid: 26.10.1977</p> <p>Post tat-twelid: Novy Rogachik, Volgograd Oblast, former USSR (now Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Struk huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Volgograd Oblast (reġjun) mill-2017. Is-Sur Struk huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda".</p> <p>Fuq il-kont tiegħu fuq il-pjattaforma tal-media soċjali Vkontakte u fid-dikjarazzjonijiet tiegħu ppubblikati f'gazzetta lokali li s-Sur Struk għandu bħala deputat tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Volgograd Oblast, huwa ripetutament esprima appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja u ddenunzja lill-Ukreni bħala Nazisti. Is-Sur Struk jesprimi appoġġ għas-soldati Russi li qed jiġġieldu fl-Ukraina.</p> <p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu u l-influwenza tiegħu bħala Direttur Ġenerali fil-Farm tat-Tjur ZAO Volzhskaya, is-Sur Struk huwa responsabbli għall-inkitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1219.	<p>Nikolay Nikolaevich ZABOLOTNEV</p> <p>(Николай Николаевич ЗАБОЛОТНЕВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 30.1.1992</p> <p>Post tat-twelid: Chuy Region in northern Kyrgyz Republic</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Zabolotnev huwa l-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Fergħa Reġjonali ta' Khanty-Mansiysk tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda.</p> <p>Huwa wkoll l-eks kap tad-Duma taż-Żgħażaġħ (parlament taż-żgħażaġh) f'Yugra, li tikkoopera mad-Dumas taż-Żgħażaġħ tal-awtoproklamati Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk (LPR) u Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk (DPR). Is-Sur Zabolotnev jattendi regolarment laqgħat, fora u avvenimenti tad-Duma taż-Żgħażaġħ ta' Yugra. Huwa kien fuq il-palk għal produzzjoni teatrali qasira meta attenda kunċert ta' karità reġjonali fl-1 ta' April 2022, fejn ġabar flus għall-appoġġ tal-operazzjonijiet umanitarji Russi f'Donbass.</p> <p>Huwa esprima ripetutament l-appoġġ tiegħu għall-"operazzjoni speċjali" fuq stazzjon televiżiv reġjonali.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Is-Sur Zabolotnev huwa attiv ħafna fuq il-media soċjali u juża din il-pjattaforma biex jesprimi l-appoġġ tiegħu għal Putin u l-operazzjoni, biex jenfasizza li l-poplu tad-DPR u l-LPR jappoġġaw lir-Russja, biex ixerred rivendikazzjonijiet dwar ġenoċidju fir-reġjun ta' Donbas u biex jiddikjara li jeħtieġ li l-forzi Ukreni jinqerdu kompletament.</p> <p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Zabolotnev huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1220.	<p>Nikolay Timofeevich VELIKDAN (Николай Тимофеевич ВЕЛИКДАНЬ)</p>	<p>Data tat-twelid: 6.3.1956</p> <p>Post tat-twelid: Sovetskoye Runo, Ipatovsky District, Stavropol Territory, former USSR (now Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Velikdan huwa l-President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mit-30 ta' Settembru 2021. Huwa membru tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol mid-19 ta' Settembru 2021 u l-ewwel Viċi President tal-Gvern tat-Territorju ta' Stavropol. Huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda", u membru tal-Presidju tal-Kunsill Politiku Reġjonali tal-Partit.</p> <p>Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fis-siti web tal-aħbarijiet reġjonali Russi, Bez Formata u Stpravda, huwa appoġġa pubblikament u ppromwova l-invażjoni tal-Ukraina billi xerred propaganda rigward l-invażjoni Russa u ddissemina stampa distorta tas-sitwazzjoni fl-Ukraina. Huwa jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fl-"operazzjoni speċjali". Bħala wieħed mill-ogħla uffiċjali u President tad-Duma Reġjonali ta' Stavropol, huwa għandu influwenza konsiderevoli.</p> <p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Velikdan huwa responsabbli għall-inkitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1221.	<p>Dmitry Vladimirovich KHOLIN</p> <p>(Дмитрий Владимирович ХОЛИН)</p>	<p>Data tat-twelid: 25.9.1977</p> <p>Post tat-twelid: Kuybyshev, former USSR, now Russian Federation</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Kholin huwa membru tad-Duma Provinċjali ta' Samara, fejn iservi bħala l-President tal-Kumitat tar-Regolamenti. Mill-2020-2021 huwa kien il-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Ferġha Reġjonali ta' Samara tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin "Russja Magħquda". Huwa wkoll membru tal-Ferġha Reġjonali ta' Samara tal-organizzazzjoni pubblika Russa kollha "Fratellanza ta' Kumbattiment" (organizzazzjoni għall-veterani).</p> <p>Permezz tal-mezzi tal-media soċjali tiegħu, intervisti pubbliċi u lectures, is-Sur Kholin jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa apertament l-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina. Huwa jikkomunika apertament dwar il-fatt li huwa sostenitur qawwi tal-President Putin, li jwassal għal xejra ta' inċitament pubbliku sistematiku li jappoġġa l-operazzjonijiet militari tar-Russja.</p> <p>B'mod speċifiku, is-Sur Kholin għandu rwol ċentrali fid-disseminazzjoni tan-narrattiva favur ir-Russja fost iż-żgħażaġh u l-kadetti żgħażaġh tal-armata. Dan jagħmlu responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra kontra l-Ukraina, kif ukoll għall qadi ta' rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku għall-kampanja militari Russa. Is-Sur Kholin huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1222.	Sergey Evgenievich TSIVILEV (Сергей Евгеньевич ЦИВИЛЕВ)	Data tat-twelid: 21.9.1961 Post tat-twelid: Zhdanov (Mariupol), former USSR (now Ukraine) Nazjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Tsivilev huwa l-gvernatur tar-reġjun ta' Kemerovo u figura pubblika magħrufa sew. Permezz tal-interventi pubbliċi tiegħu, is-Sur Tsivilev jiġġustifika, jiddefendi u jappoġġa apertament l-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina. Huwa jikkomunika apertament dwar il-fatt li huwa sostenitur qawwi tal-President Putin, li jwassal għal xejra ta' inċitament pubbliku sistematiku li jappoġġa l-operazzjonijiet militari tar-Russja. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, huwa responsabbli għat-tixrid ta' propaganda favur ir-Russja u diżinformazzjoni rigward il-gwerra kontra l-Ukraina, kif ukoll għall-qadi ta' rwol attiv biex jiġbor l-appoġġ domestiku għall-kampanja militari Russa. Is-Sur Tsivilev esprima apertament l-appoġġ tiegħu għall-President għad-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi l-indipendenza tal-hekk imsejħa Repubbliki ta' Luhansk u ta' Donetsk. Abbażi ta' dawn l-azzjonijiet, is-Sur Tsivilev huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1223.	Roman Alexandrovich GOVOR (Роман Александрович ГОВОР)	Data tat-twelid: 22.11.1982 Post tat-twelid: Novokuznetsk, Kemerovskaya Oblast, former USSR, now Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Govor huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Kemerovo – Kuzbass. Huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, “Russja Magħquda”. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq Rutube u fuq il-kont tiegħu ta' VKontakte, is-Sur Govor jappoġġa pubblikament id-deċiżjoni tal-invażjoni tal-Ukraina. Huwa qed jippromwovi wkoll b'mod attiv il-propaganda tar-reġim. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Govor huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1224.	Roman Sergeevich CHUYKO (Роман Сергеевич ЧУЙКО)	Data tat-twelid: 12.5.1983 Post tat-twelid: Blagoveshchensk, former USSR (now Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Is-Sur Chuiko huwa l-kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali tal-Front Popolari Pan-Russu u membru tal-Assemblea Leġiżlattiva reġjonali f'Tuymen Oblast. Is-Sur Chuiko huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, "Russja Magħquda". Bħala Kap tal-Kumitat Eżekuttiv Reġjonali fir-reġjun tiegħu, is-Sur Chuyko jesprimi ripetutamente l-appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja, ixerred messaġġi ta' propaganda u jiddenunzja lill-awtoritajiet Ukreni bħala Nazisti fuq pjattaformi tal-media soċjali, fuq stazzjonijiet televiżivi reġjonali u fuq siti web tal-aġenziji tal-aħbarijiet. Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Chuiko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1225.	Viktor Vladimirovich BABENKO (Виктор Владимирович БАБЕНКО)	Data tat-twelid: 14.10.1968 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Is-Sur Babenko huwa l-President tal-Kunsill Reġjonali ta' Sostenituri ta' Sverdlovsk tal-Partit "Russja Magħquda". Huwa membru tal-Assemblea Leġiżlattiva tar-Reġjun ta' Sverdlovsk u Viċi Segretarju tal-Ferġha Reġjonali ta' Sverdlovsk ta' "Russja Magħquda". Is-Sur Babenko huwa politiku reġjonali ewlieni mill-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda, fl-oblast ta' Sverdlovsk.</p> <p>Sa mill-bidu tal-invażjoni Russa fi Frar, is-Sur Babenko kien qed esprima b'mod attiv l-appoġġ tiegħu għall-operazzjoni fil-media soċjali, f'intervisti bil-miktub u f'diskorsi waqt avvenimenti lokali. Huwa jhegġegħ lill-popolazzjoni ta' Sverdlovsk tappoġġa l-"Operazzjoni Speċjali Russa kontra n-nazzjonaliżmu u l-Faxxiżmu".</p> <p>Fil-biċċa l-kbira tal-istampi tiegħu jidher liebes t-shirt bil-logo "Z" tal-invażjoni Russa. Barra minn hekk, is-Sur Babenko f'diversi okkażjonijiet xerred propaganda u dikjarazzjonijiet foloz dwar l-avvenimenti tal-operazzjoni militari.</p> <p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Babenko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
1226.	<p>Yury Alexandrovich BURLACHKO (Юрий Александрович БУРЛАЧКО)</p>	<p>Data tat-twelid: 8.6.1961</p> <p>Post tat-twelid: Omsk, former USSR (now Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Burlachko ilu mill-2017 President tal-Assemblea Leġiżlattiva ta' Krasnodar Krai (reġjun) u huwa l-Membru Parlamentari bl-ogħla kariga fl-Assemblea Leġiżlattiva ta' Krasnodar Krai. Is-Sur Burlachko huwa membru tal-partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, Russja Magħquda.</p> <p>Is-Sur Burlachko ddissemina propaganda tal-Kremlin kontra l-Ukraina f'għadd ta' intervisti u esprima appoġġ għall-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja. Huwa esprima appoġġ sħiħ lill-President fl-isforz tiegħu li "jnaddaf l-Ukraina moderna min-Naziżmu". Barra minn hekk, is-Sur Burlachko jsostni li kellu rwol attiv fil-proċessi elettorali fil-Krimea fl-2014. Huwa rċieva għadd ta' midalji u premijiet bħall-Gratitudni tal-President tal-Federazzjoni Russa (2004, 2014, 2017), il-medalja "għar-Ritorn tal-Krimea (2014) u l-Medalja tal-Ordni "Għal Mertu lejn il-Patrija".</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
			<p>Minħabba l-influwenza politika tiegħu, is-Sur Burlachko huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil-kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina.</p> <p>B'hekk, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Bl-istess mod, huwa qed jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu deċiżjonijiet li huma responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u qed jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1227.	<p>Yury Zimelevich KAMALTYNOV</p> <p>(Юрий Зимелевич КАМАЛТЫНОВ)</p>	<p>Data tat-twelid: 11.3.1957</p> <p>Post tat-twelid: Kazan, Republic of Tatarstan, former USSR (now Russian Federation)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Is-Sur Kamaltynov huwa l-Viċi President tal-Kunsill tal-Istat tar- Repubblika tat-Tatarstan. Preċedentement, huwa serva bħala Viċi Prim Ministru tar-Repubblika tat-Tatarstan u bħala rappreżentant plenipotenżjarju tal-President tar-Repubblika tat-Tatarstan fil-Kunsill tal- Istat tar-Repubblika tat-Tatarstan. Is-Sur Kamaltynov huwa membru tal- partit fil-gvern allinjat mal-Kremlin, “Russja Magħquda”.</p> <p>Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu fuq pjattaformi tal-media lokali u reġjonali, is-Sur Kamaltynov appoġġa u ppromwova pubblikament id-deċiżjoni tal- invażjoni tal-Ukraina.</p> <p>Minħabba l-influenza politika tiegħu, is-Sur Kamaltynov huwa responsabbli għall-inċitament tal-mibegħda fil-konfront tal-Ukraina, għat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-propaganda favur ir-Russja fil- kuntest tal-gwerra kif ukoll għat-tiftix ta' appoġġ domestiku fir-Russja għall-gwerra kontra l-Ukraina. Għaldaqstant, huwa responsabbli għal appoġġ favur azzjonijiet u politika li jdgħajfu l-integrità territorjali, is- sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
1228.	Sergey Vitalyevich BEZRUKOV (Сергей Витальевич БЕЗРУКОВ)	Data tat-twelid: 18.10.1973 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Bezrukov huwa attur u politiku Russu. Huwa wieħed mill-uċuħ publiċi tal-Partit "Russja Magħquda" u president tal-"Proġett kultura ta' art twelidna ż-żgħira" ta' "Russja Magħquda". Huwa xerred propaganda Russa b'appoġġ għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Huwa appoġġa l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja waqt spetakli mogħtija lis-soldati Russi li ħadu sehem fil-gwerra, u lil tfal mill-hekk imsejħa Repubbliki tal-Poplu separatisti f'Donbas. Barra minn hekk, huwa esprima pubblikament l-appoġġ tiegħu għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
1229.	Vladimir Lvovich MASHKOV (Владимир Львович МАШКОВ)	Data tat-twelid: 27.11.1963 Post tat-twelid: Tula, Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	<p>Vladimir Mashkov huwa attur Russu, direttur u xeneġġatur li appoġġa b'mod attiv il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina. Huwa appoġġa uffiċjalment l-intenzjoni tal-President Vladimir Putin li jerġa' jiġi elett fl-2018 u ħa-dem bħala r-rappreżentant tiegħu fl-elezzjonijiet. Ġie nominat għall-pożizzjoni ta' membru tal-Kunsill Presidenzjali għall-Kultura u l-Arti. Huwa appoġġa wkoll l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u r-rikonoxximent tal-hekk imsejħa Repubblika tal-Poplu separatisti f'Donbas mir-Russja.</p> <p>Huwa ta spettaklu matul id-dimostrazzjoni ta' propaganda b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u l-gwerra kontra l-Ukraina, li saret fit-18 ta' Marzu 2022 fl-Istadju Luzhniki f'Moska. Barra minn hekk, huwa installa s-simbolu militari "Z", li ġie impjegat mill-propaganda Russa biex jipromwovi l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja, fuq il-faċċata tat-teatru Oleg Tabakov f'Moska.</p> <p>Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	"

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elenkar
"102.	AVLITA Stevedoring Company	Indirizz: Prymorska Street 2h, Sevastopol, Crimea, Ukraine	AVLITA Stevedoring Company tipprovdi servizzi relatati mat-tagħbija ta' qamħ fuq bastimenti fil-port ta' Sevastopol fil-Krimea, li kien anness illegalment mir-Russja. Huwa ddokumentat f'bosta rapporti li kien involut fit-tagħbija fuq bastimenti ta' qamħ misruq mill-bdiewa u l-istat Ukren fit-territorji Ukreni taħt okkupazzjoni Russa, jew mixtri taħt pressjoni minn bdiewa Ukreni. Avlita hija għalhekk responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
103.	Nightwolves MC (Моторклуб, Ночные Волки“)	Indirizz: Nizhniye Mnevnik, 110, Bike Centre, Moscow, Russian Federation Tip ta' entità: Grupp tal-Muturi Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation Data tar-reġistrazzjoni: 1989	Nightwolves MC huwa klabb tal-muturi nazzjonalista mwaqqaf f'Moska fl-1989 b'madwar 45 kapitulu madwar id-dinja, inkluż kapitoli f'ħafna Stati Membri tal-Unjoni Ewropea. Nightwolves MC kien involut b'mod attiv fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukraina billi appoġġa pubblikament l-annessjoni tal-Krimea fl-2014 u l-gwerra kontra l-Ukraina fl-2022, billi xerred b'mod attiv il-propaganda anti-Ukrena u favur ir-Russja u billi ġġieled flimkien ma' gruppi favur ir-Russja fl-Ukraina jew appoġġahom wara l-annessjoni tal-Krimea u l-gwerra Russa kontra l-Ukraina fl-2022. Il-grupp huwa sostenitur ewlieni tal-gvern Russu, billi appoġġa b'mod attiv il-propaganda tal-istat Russa fir-Russja, kif ukoll fl-Ewropa u l-Balkani tal-Punent, billi jiċħad id-dritt tal-Ukraina għas-sovranità u billi jappella għad-"denazifikazzjoni", kif ukoll għal "de-Ukrenizzazzjoni" tal-pajjiż, filwaqt li jipromwovi l-idea li l-Ukraina għandha tkun parti integrali mir-Russja.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Il-grupp għandu wkoll rabtiet mill-qrib mal-President Russu Vladimir Putin u l-gvern Russu u rċieva finanzjament tal-istat mill-Kremlin bejn l-2013 u l-2015. Għalhekk in-Nightwolves huma entità jew korp li qed jappoġġa materjalment azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Barra minn hekk, hija entità responsabbli li tappoġġa u timplimenta azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
104.	<p>The Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund</p> <p>(Фонд общественной дипломатии Александра Горчакова)</p>	<p>Indirizz: 10/1 Yakovoapostolsky pereulok, Moscow 105064, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Organizzazzjoni mhux Governattiva</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Moscow</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: Frar, 2010</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1107799026752</p>	<p>L-Alexander Gorchakov Public Diplomacy Fund ġie stabbilit fl-2010 mill-President Russu Dmitry Medvedev. Il-fundatur tal-Fond kien il-Ministeru Russu għall-Affarijiet Barranin u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin huwa l-kap tal-bord tat-trustees. Il-Ministeru jiffinanzja l-ħidma tal-Fond Gorchakov, li min-naħa tiegħu jagħti finanzjament lil gruppi ta' riflessjoni u lil GONGOs.</p> <p>Il-Fond Gorchakov huwa mfassal biex jappoġġa lill-kompatrijotti Russi fl-ispazju post-Sovjetiku f'konformità mal-oġġettivi ideoloġiċi tal-Kremlin. Il-proġetti organizzati mill-Fond Gorchakov kienu elementi importanti tad-diskors dwar il-politika barranija tar-Russja. Fl-2015, il-Gvern tal-Ukraina għalaq l-Uffiċċju tal-Gorchakov Public Diplomacy Fund fi Kiev minħabba l-propaganda kontra l-istat.</p> <p>Għaldaqstant, il-Gorchakov Public Diplomacy Fund huwa responsabbli għall-appoġġ b'mod attiv tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u għall-benefiċċju minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
105.	<p>The Federal Agency for the Commonwealth of Independent States Affairs, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation (Rossotrudnichestvo)</p> <p>(Федеральное агентство по делам Содружества Независимых Государств, соотечественников, проживающих за рубежом, и по международному гуманитарному сотрудничеству (Россотрудничество))</p>	<p>Indirizz tal-Kwartieri Ġenerali: Russian Federation, 119019, Moscow, Vozdvizhenka Str. 18/9</p> <p>Telefon: +7 (495) 690-12-45</p> <p>Indirizz elettroniku: rossotr@rs.gov.ru</p> <p>Sit web: https://rs.gov.ru</p> <p>Tip ta' entità: Aġenzija tal-Gvern Federali Russu</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: Russian Federation, 119019, Moscow, Vozdvizhenka Str. 18/9</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 6.9.2008</p>	<p>Il-Federal Agency for the Commonwealth of Independent States Affairs, Compatriots Living Abroad, and International Humanitarian Cooperation (Rossotrudnichestvo) hija korp eżekuttiv federali responsabbli għall-ġħoti ta' servizzi statali u l-ġestjoni tal-proprjetà tal-istat biex tappoġġa u tiżviluppa relazzjonijiet internazzjonali bejn il-Federazzjoni Russa u l-Istati Membri tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti u pajjiżi barranin oħra.</p> <p>Hija l-aġenzija ewlenija tal-istat li tipproġetta s-setgħa ta' persważjoni u l-influenza ibrida tal-Kremlin, inkluż il-promozzjoni tal-hekk imsejjaħ kunċett "Russkiy Mir". Ilha għal ħafna snin taġixxi bħala organizzazzjoni ċentrali għal network ta' kompatrijotti Russi u aġenti ta' influenza, u tiffinanzja diversi proġetti ta' diplomazija pubblika u ta' propaganda, filwaqt li tikkonsolida l-attivitajiet tal-atturi favur ir-Russja u tiddissemina n-narrattivi tal-Kremlin, inkluż ir-reviżjoniżmu storiku.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Rossotrudnichestvo torganizza b'mod attiv avvenimenti internazzjonali mmirati lejn il-konsolidazzjoni ta' perçeżżjoni pubblika usa' tat-territorji Ukreni okkupati bħala Russi. Il-Kap u l-Viçi Kap ta' Rossotrudnichestvo wrew b'mod ċar l-appoġġ tagħhom għall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukraina.</p> <p>Għaldaqstant, Rossotrudnichestvo hija responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukraina, jew appoġġat jew implimentat dawn l-azzjonijiet jew politiki. Barra minn hekk, hija responsabbli għall-appoġġ materjalment u finanzjarjament għall-Gvern tal-Federazzjoni Russa, u li tibbenefika minnu, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
106.	Russkiy Mir Foundation (Фонд "Русский мир")	Indirizz: 119285 Mosfilmovskaya Str. 40A, Moscow, Russian Federation Telefon: +7 (495) 981-5680 Indirizz elettroniku: info@russkiymir.ru Sit web: https://russkiymir.ru Tip ta' entità: Aġenzija tal-Gvern Federali Russu Data tar-reġistrazzjoni: 31.8.2007	Il-Fondazzjoni "Russkiy Mir" inħolqot, u ġiet iffinanzjata mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Intużat mill-Federazzjoni Russa biex tавvanza l-interessi tagħha fil-pajjiżi post-Sovjetiċi. Il-mandat uffiċjali tagħha huwa li tippromwovi l-lingwa u l-kultura Russa madwar id-dinja iżda l-Fondazzjoni ntużat bħala għodda importanti ta' influwenza mill-Kremlin li qed tippromwovi bil-qawwa aġenda ffokata fuq ir-Russja fl-istati eks Sovjetiċi, filwaqt li tirrifjuta l-leġittimità tal-Ukraina bħala nazzjon sovrän, u tippromwovi l-unifikazzjoni tagħha mar-Russja.	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Il-Fondazzjoni Russskiy Mir iddisseminat propaganda favur il-Kremlin u kontra l-Ukraina, u ġġustifikat l-aggressjoni militari mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukraina. Fl-istqarrijiet uffiċjali tagħha, hija appoġġat l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol u r-rikonossiment tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu" separatisti fir-reġjun ta' Donbas mill-Federazzjoni Russa.</p> <p>Għalhekk, hija responsabbli talli appoġġat azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Hija bbenefikat ukoll mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
107.	JSC Research and Production Association "Kvant" (Акционерное общество Научно-производственное объединение "Квант")	Indirizz: Bolshaya Sankt-Peterburgskaya Str. 73, 173000 Veliky Novgorod, Russian Federation Telefon: (8162) 681303 Indirizz elettroniku: ok@kvant-vn.ru	<p>"Kvant" JSC hija kumpanija Russa li topera fis-settur militari li tipproduċi sistemi elettroniċi tal-gwerra għall-Forzi Armati Russi.</p> <p>Hija kkoddisinjat u kkoproduciat is-sistema elettronika tal-gwerra Krasucha-4 u mmanifatturat it-tagħmir għas-sistema elettronika tal-gwerra Rtut-BM. Is-sistemi elettroniċi tal-gwerra Krasucha-4 u Rtut-BM intużaw mill-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Hija appoġġat ukoll materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
108.	Sberbank (Сбербанк)	<p>Indirizz: 19 Vavilova St., 117997 Moscow, Russian Federation</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi</p> <p>Post tar-reġistrazzjoni: 19 Vavilova St., 117997 Moscow, Russian Federation</p> <p>Data tar-reġistrazzjoni: 22.3.1991</p> <p>Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700132195</p>	<p>Sberbank huwa istituzzjoni finanzjarja ewlenija fir-Russja. Il-Bank Ċentrali Russu huwa l-azzjonist maġġoritarju ta' Sberbank. Is-CEO tal-bank kien il-Ministru għall-Ekonomija u l-Kummerċ tar-Russja taħt il-President Putin mis-sena 2000 sal-2007 u l-President tal-Bord Superviżorju tal-bank huwa l-Ministru għall-Finanzi Russu. Bħala l-akbar bank fir-Russja (li jammonta għal madwar kwart tal-assi bankarji Russi aggregati u terz tal-kapital bankarju), fil-biċċa l-kbira proprjetà tal-gvern Russu, Sberbank jiġġenera wkoll dħul kbir għall-gvern Russu. Sberbank huwa għalhekk entità jew korp li jappoġġja finanzjarjament u li jibbenefika mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukraina kif ukoll persuna ġuridika, entità jew korp involut f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
109.	FORSS Group of Companies (Группа компаний ФОРСС)	Indirizz: Magnitogorskaya street 51, lit. E, 195027, St. Petersburg, Russian Federation Telefon: (+7 812) 605-00-78 Sit web: http://www.forss.ru/eng Indirizz elettroniku: info@forss-marine.ru	<p>FORSS hija kumpanija Russa li tipprovdi servizzi ta' inġinerija lill-industrija tal-bini tal-bastimenti. Hija tissodisfa l-ordnijiet magħmula mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa.</p> <p>Hija ħadet sehem fl-iżvilupp tal- "Vasily Bykov" tal-proġett tal-Flotta Navali tal-Baħar l-Iswed. Dan il-“proġett 22 160” jinvolveja l-bini ta' bastimenti tal-għassa mit-Tarzna ta' Zelenodolsk li kienu wżati mill-Flotta Navali Russa matul il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukraina.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli talli appoġġat materjalment azzjonijiet li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Hija appoġġat ukoll materjalment u bbenefikat mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
110.	<p>All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement</p> <p>(Всероссийское военно-патриотическое общественное движение "Юнармия")</p> <p>magħrufa wkoll bħala Yunarmiya (Юнармия)</p>	<p>Indirizz: 1st Krasnokursantskiy passage, 1/4, Building 1, Moscow, Russian Federation, 111033</p> <p>Telefon: +7 (495) 106-75-75</p> <p>Sit web: https://yunarmy.ru/</p> <p>Indirizz elettroniku: info@yunarmy.ru</p>	<p>L-All-Russia "Young Army" Military Patriotic Social Movement (Yunarmiya) hija organizzazzjoni paramilitari Russa. Il-Yunarmiya u l-membri tagħha appoġġaw il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukraina u xerrdu l-propaganda Russa dwar il-gwerra. Yunarmiya użaw is-simbolu militari "Z" li ntuża mill-propaganda Russa biex tippromwovi l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja.</p>	

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			<p>Bl-appoġġ tal-Ministeri għad-Difiża u l-Edukazzjoni tal-Federazzjoni Russa, il-Yunarmiya organizzat kampanja li matulha t-tfal tal-iskola ntabu jiktbu ittri lis-soldati Russi li ħadu sehem fl-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja. Barra minn hekk, hija ġabret rigali għat-truppi li ġġieldu fil-gwerra. Hija organizzat ukoll kampijiet tas-sajf għat-tfal fit-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment.</p> <p>Għaldaqstant, hija responsabbli li appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina.</p>	"